



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

13.12.2010

B7-0721/2010

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni / de la vice-présidente de la Commission / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire

**Véronique De Keyser, Miguel Angel Martínez Martínez, Kader Arif**  
f'isem il-Grupp S&D

**Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-kodiċi elettorali tal-Côte d'Ivoire, b'mod partikulari l-Liġi 2001-303 u l-Ordinament 2008-133, u speċifikament l-Artikolu 64 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport interim tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, skont ir-rapporti indipendenti ta' osservazzjoni, b'mod partikulari tan-NU u tal-Unjoni Ewropea, l-elezzjonijiet, li l-organizzazzjoni tagħhom swiet 400 miljun dollaru, żvolgħew b'mod ġeneralment sodisfaċenti,
- B. billi l-maġġoranza presidenzjali uxxenti qed tallega elementi ta' frodi gravi li n-natura tagħhom tqajjem dubbji dwar ir-riżultat finali tal-elezzjoni, peress li r-rappreżentanti tagħhom ma kellhomx aċċess għall-kmamar tal-votazzjoni f'ċerti reġjuni fit-Tramuntana tal-pajjiż,
- C. billi l-kostatazzjonijiet tal-osservaturi u t-tqabbil bejn ir-riżultati tal-ewwel u t-tieni rawnds jiċħdu dawn l-allegati ta' frodi massiva li x'aktarx bidlet ir-riżultat finali,
- D. billi l-Kunsill Kostituzzjonali għandu, fir-rigward tan-nazzjon Ivorjan, id-dmir li japplika, b'mod imparzjali, il-leġiżlazzjoni u billi l-Kostituzzjoni, il-Liġi 2001-303 u l-Artikolu 64 tal-Ordinament tal-2008 jgħid biss is-setgħa li jħassar l-elezzjonijiet Presidenzjali, mingħajr ma jgħid il-possibilità li jħabbar riżultati differenti minn dawk tal-Kummissjoni Elettorali Indipendenti,
- E. billi ż-żewġ risoluzzjonijiet tan-NU, adottati wara l-ftehim ta' paċi tal-2005, jagħtu lin-Nazzjonijiet Uniti r-responsabilità li tiċċertifika r-riżultati, għall-ewwel darba fl-Afrika,
- F. billi l-unika leġittimità demokratika hi dik li toħroġ minn votazzjoni universali, li r-riżultati tagħha, iċċertifikati min-NU, jindikaw lil Alassane Ouattara bħala l-President elett,
- G. billi l-President uxxenti, Laurent Gbagbo, u l-ministri li ħatar qed jokkupaw b'mod illeġittimu l-imkejjien uffiċjali, b'mod partikulari dawk kollha li għandhom x'jaqsmu mal-awtoritajiet finanzjarji, kif ukoll is-sedi tal-intrapriżi pubbliċi l-kbar,
- H. billi s-sitwazzjoni attwali qed terġa ddgħajjef l-ekwilibri li nksibu b'diffikultà fil-pajjiż,
- I. billi l-armata nazzjonali Ivorjana kienet obbligata titlaq mit-Tramuntana tal-pajjiżi fejn ħalliet il-kontroll f'idejn l-ex forzi armati ribelli,

- J. billi m'hemmx pluraliżmu fir-radju u t-televiżjoni tal-Istat u billi l-istazzjonijiet ta' informazzjoni barranin ingħalqu,
  - K. billi d-Deputat Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ddikjara li qed josserva b'attenzjoni s-sitwazzjoni u "inċidenti kriminali" eventwali,
  - L. billi l-Kunsill ta' Sigurtà tan-NU kkundanna "kull sforz biex tinqaleb ir-rieda tal-poplu",
  - M. billi l-Operazzjoni taż-Żamma tal-Paċi fil-Côte d'Ivoire (ONUCI), li tikkonsisti minn 9 150 suldat u pulizija għaż-żamma tal-paċi u 1 500 impjegat ċivili, f'sitt snin swiet EUR 2.26 biljun,
  - N. billi l-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Bank Afrikan ta' Żvilupp għarrfu li ma jridux jaħdmu ma' gvern mhux rikonoxxut min-NU,
  - O. billi, fil-kuntest tal-inizjattiva HIPC (Pajjiżi Foqra bi Djun Kbar), tnaqqis ta' USD 3 biljun tad-dejn estern tal-Côte d'Ivoire jiddependi fuq il-fatt li jkun hemm elezzjonijiet demokratiċi,
  - P. billi l-għajjnuna għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea ppjanata għall-Côte d'Ivoire tammonta għal EUR 254.7 miljun u billi l-Bank Dinji qed jagħti appoġġ ta' aktar minn USD 740 miljun fi proġetti,
  - Q. billi, minħabba l-inkwiet tal-ambjenti ekonomiċi, is-sitwazzjoni attwali tista' twassal għal tfaqqir tal-pajjiż, u għaldaqstant tal-popolazzjoni u tal-Afrika tal-Punent kollha kemm hi, peress li l-Côte d'Ivoire tirrappreżenta 40 % tal-PDG tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Afrika tal-Punent,
  - R. billi l-istabilità tal-Côte d'Ivoire hi essenzjali għall-Afrika tal-Punent kollha kemm hi,
  - S. billi l-President tal-Unjoni Afrikana talab lill-President uxxenti jirtira biex "jirrispetta r-rieda tal-poplu" u jevita "banju ta' demm"; waqt li jikkunsidra l-isforzi tal-Mibgħut tal-Unjoni Afrikana, Thabo M'Beki, biex jevita mentalità ta' konfrontazzjoni, u d-deċiżjoni tal-Unjoni Afrikana li tissospendi l-Côte d'Ivoire sa meta l-President elett jieħu effettivament il-kariga tiegħu,
  - T. billi l-ECOWAS iddeċidiet li tissospendi l-Côte d'Ivoire minn kull attività tagħha,
  - U. billi l-President uxxenti għandu r-responsabilità li jippermetti tranżizzjoni paċifika, li tiggratixxi l-paċi ċivili indispensabbli għall-ġejjieni tal-Côte d'Ivoire, billi jirtira, biex b'hekk jevita prova iebsa oħra għall-poplu tiegħu u għar-reġjun,
1. Jistieden lill-partijiet kollha, b'mod partikulari lill-President uxxenti u l-gvern illeġittimu li ħatar, jirrispettaw ir-rieda tal-poplu u jaċċettaw ir-riżultati tal-proċess elettorali hekk kif ġew iċċertifikati mir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU;
  2. Jassigura lir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, inkarigat biex jiċċertifika r-riżultati, li għandu l-fiduċja tiegħu;
  3. Jisgħobih ħafna dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali Ivorjan, li l-membri tiegħu

kollha nħatru mill-President uxxenti, li jbidel ir-riżultati tal-Kummissjoni Elettorali, bi ksur tal-leġislazzjoni li hu inkarigat biex jinforza;

4. Jikkundanna l-vjolenza li seħħet u jikkunsidra li għandha tingħata prijorità lill-protezzjoni taċ-ċivili;
5. Jappella lil kulħadd għall-kalma u jeżorta lir-responsabbli politiċi biex joqogħdu lura ħafna milli jużaw il-forza biex jimponu l-fehmiet tagħhom, anke jekk ikunu leġittimi;
6. Jitlob lill-entitajiet internazzjonali kollha, b'mod partikulari dawk finanzjarji, ikomplu jirrikonoxxu biss lill-President magħżul demokratikament u l-ministri li ħatar;
7. Jappoġġa lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà fir-rieda tagħha li jittieħdu miżuri indirizzati kontra dawk li jxekklu l-proċess demokratiku;
8. Jixtieq li l-Unjoni Ewropea u l-organi internazzjonali kollha jkunu jistgħu jagħtu għajna għall-iżvilupp tal-Côte d'Ivoire, bl-għajna tal-gvern leġittimu;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-awtoritajiet Ivorjani.